Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 65

It- Tnejn, 8 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Joseph Debono- Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.10pm

**65.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

65.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li s- Sur Joseph Debono għal din il-laqgħa ma setax jattendi għaliex għadu konvalexxenti wara li sarlu milux intervent mediku. Huwa bgħat jinfurma lis SE b'dan. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

65.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti ta' l-Erba' u Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

65.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**65.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

65.3.1 Is- Sindku infurma lil Kunsill li kellmuh l-Għaqda tal-Presepji li għadhom kemm tellaw wirja ta' presepji ġewwa l-Palazz tal-President u l-Parlament fejn, urewh ix-xewqa li għal milied li ġej tittella' xi haġa simili ġewwa l-Mdina.

65.3.2 Is- Sindku infurma ruħu mas- Sur Neil Muscat mir- Reġjun Punent bħala espert tekniku wara li talab lil-President tar- Reġjun, s- Sur Azzopardi dwar il-possibilta' li l-Kunsill jagħmel *upgrading* tas- sistema ta' kameras li jikkontrollaw id-dħul ta' vetturi u muturi ġewwa l-Mdina.

65.3.2.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li ser ssir laqgħa bejn il-LESA, G4S u s- Sur Muscat f'dan ir- rigward biex bħala Kunsill naraw l-possibbilita' li dawn il-kameras jinbidlu jekk ikun vijabbli finanzjarjament..

65.3.3 Is- Sindku infuma lill Kunsill li ser issir laqgħa ma Uffiċċjali mill- Minsteru għal- Ambjent, Enerġija u Intraprizi ġewwa Howard Gardens biex jaraw l-possibbilita' li jkun hemm *upgrading* ta' dan il-ġnien b'fondi mill-istess Ministeru.

65.3.4 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li s-sejħa għal offerti maħruġa mir- Reġjun Punent għal installazzjoni ta' CCTV's barra d-daħla ta' l-Mdina intemmet u ġie aġġudikat. Fil-futur qarib l-proċess ta' l-installar ser jibda'.

65.3.5 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li bejn il-lift li jieħdok isfel għal Foss u l-playground jidher li parti mill-bankina sfrondat. Ittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa ta' sigurta'. Jidher li kamra li tinsab ezattament taħt il-bankina sfrondat b'konsegwenza li kkawza ħsara lil-bankina. Għaldaqstant bħala Kunsill nfurmajna lid- Dipartiment tax- Xogħolijiet Pubblici u d- Direttorat tar- Restawr biex isir aċċess fuq il-post u titranġa l-ħsara.

65.3.6 Is- Sindku talab il-Kunsll japprova li tinħareġ kwotazzjoni għal xiri ta' tmien (8) floodlights għal Howard Gardens għax partijiet tal-ġnien qegħdin fid-dlam. Il-Kunsill approva.

65.3.7 Is- Sindku talab lil Kunsill wara li kemmitu l-Kunsilliera responsabbli minn Casino Notabile biex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet għal xogħol ta' membrane fuq il-bejt. Ir- raġuni hi li l-bejt, l-istat tiegħu mhuiex f'kundizzjoni li jilqa' għax-xita. Il-Kunsill approva.

## 65.4 Bagit 2024- Approvazzjoni

65.4.1 Il-Bagit għas-sena finanzjarja 2024 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuż) għal approvazzjoni. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

65.4.2 Il-Kunsill approva l-baġit għas-sena 2024

## 65.5 Performance Bonus għas- Sena 2023 tas- Segretarju Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali.

64.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2023 fir-rigward tas- Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill ddiskuta r-rapport tas-Segretarju. F'dan il-ħin is- SE kien skuzat mill-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Is- Sindku nforma lis- SE illi l-Kunsill approva performance bonus ta' 10%.

64.5.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2023 fir-rigward tas- Sna Clare Camilleri, impjegata tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s- Sna. Camilleri tingħata performance bonus ta' 6%.

64.5.3 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2023 fir-rigward tas- Sur Francesco Scicluna, impjegat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s- Sur Scicluna tingħata performance bonus ta' 6%.

## 65.6 Howard Gardens- Fencing mad-dawra tal-ġnien- Deċizjoni/ Approvazzjoni

65.6.1 Is- Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni li ntefgħet mill-Kunsill ma' l-Awtorita' ta' L-Ippjanar wara li kienet mizmuma mis- Sovraintendenza tal-Wirt Storiku minħabba l-għoli tal-fencing propost, dawn baqaw jinsistu li l-għoli ma għandux ikun izjed minn tlett piedi.

65.6.1.1 Is- Sindku qal li minn spezzjoni li saret fuq il-post jidher li kif qed tipproponi is- Sovraintendenza dan l-għoli huwa aċċettabli u ma jidhirx li dan l-għoli ser ikerraħ l-ambjent ta' madwar. L-għoli propost ukoll jidher li huwa bizzejjed biex dan il-fence ikun ta' detriment għal min jipprova jaqbez iċ-ċint tal-fence u jkompli jagħmel ħsara lil pjanti

64.6.2.2 Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera u qablu unanimament li din il-proposta ta' fence madwar il-ġnien għandu jsir. Għaldaqstant is- SE ser jinfurma lil Perit tal-Kunsill biex il-proċess jitkompla.

## 65.7 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

65.7.1 Assoc. Publju ta' Malta:- Talba biex fl-okkazjoni tal-festa liturġika ta' San Publu jagħmlu attivita' ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill wara li laqgħa li saret ma l-organizzaturi approva.

65.7.2 Tunin- Talba għal biex ssir attivita' ta' nof siegħa għal group fil-Pjazza tas- Sur. Il-Kunsill approva.

65.7.3 Planning Authority (Sebbaħ il-Lokal)- L-awtorita ta' l-Ippjanar bgħat jinfurma lil Kunsill li bħala Kunsill għandha approvati mill-istess awtorita s- somma ta' € 50,000 biex jonħolqu l-opportunitajiet u l-faċilitajiet għall-komunita'. Il-Kunsill aktar 'l quddiem ser jiddiskuti dawn il-possibiltajiet.

65.7.4 Is- SE infurma lill-Kunsill li d- DLG approva l-estensjoni sa l-aħħar ta' Marzu 2024 għal xogħolijiet fuq l-għajn tal-ħasselin li tinsab fit- Telgħa tas- Saqqajja.

65.7.5 Is- SE talab li jinġiebu xi kwotazzjonijiet għal *live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill. Is-sistema li qed tintuza bħalissa ma tantx qed tagħti rizultati sodisfaċenti u l-ammont li qed jintefaq huwa wisq għoli meta tikkunsidra kollox. Il-Kunsill approva.

**65.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

65.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 8 ta' Jannar 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 31,213.59

65.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta

**65.9 Tmiem tal- Laqgħa**

65.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.14pm u ġiet aġġornata għas-19 ta' Jannar 2024 fit-3pm

IFFIRMATI
______________________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATI
______________________
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___19 ta'Frar 2024__